StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Rotta 3

**IT-TIELET SENA STUDJI SOĊJALI (Ġenerali) ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem: ______________________________________ Klassi: _______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet (A, B, Ċ, D u E). L-istudenti huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet kollha u jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. L-istudenti għandhom jiktbu t-tweġibiet tat-Taqsimiet Ċ, D u E fuq karta separata.**

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dan il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| il-karattru | il-kultura | iċ-ċittadin | soċjetà | il-valuri |
| il-mezzi ta' komunikazzjoni | normi soċjali | rwol | ir-refuġjat | is-servizzi soċjali |

1. ______________________________ hija parti mill-identità tagħna.
2. Iċ-ċittadini kollha ta' l-istess pajjiż meħudin flimkien jiffurmaw ______________________________.
3. Regoli li għandhom imexxu l-għemil u l-imġiba tiegħi fis-soċjetà jissejħu ______________________________.
4. Is-sehem li wieħed irid jagħti fi grupp li jkun fih u fis-soċjetà huwa ______________________________.
5. ______________________________ huwa dak li għandu biża' ta' persekuzzjoni minħabba r-razza tiegħu, jew l-opinjoni politika, u għalhekk jitlaq minn pajjiżu biex ma jbatix.
6. ______________________________ huwa membru ta' nazzjon bi drittijiet u dmirijiet lejn l-oħrajn.
7. ______________________________ joffru divertiment, jinfurmaw u jgħallmu.
8. ______________________________ huma dawk il-prinċipji tajbin li individwu, komunità jew soċjetà żżomm bħala regoli u gwida għall-imġiba personali u soċjali.
9. L-istat jipprovdi ______________________________ lil dawk li għandhom bżonn l-għajnuna.
10. Il-personalità u ______________________________ inrawwimhom matul ħajti bl-għajnuna tal-ġenituri, ħbieb u għalliema.

**(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B**

**(i) Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA billi tagħmel sing taħt Veru jew Falz.**

1. 'Kumpens' tfisser li ma tiħux il-flus tal-prodott lura. Veru/Falz
2. Pajjiżi tat-Tielet Dinja huma pajjiżi żviluppati. Veru/Falz
3. Il-konsumaturi huma dawk li jixtru prodotti u servizzi. Veru/Falz
4. L-ekonomija tinqasam f'żewġ setturi. Veru/Falz
5. Ix-xogħol volontarju titħallas tiegħu. Veru/Falz
6. Il-ġustizzja soċjali tfisser tieħu dak li ħaqqek. Veru/Falz
7. Produttur huwa persuna li tipproduċi oġġetti jew servizzi. Veru/Falz
8. Libertà tfisser li kulħadd jista' jagħmel li jrid. Veru/Falz
9. L-isptar *Mater Dei* jinsab f'Għawdex. Veru/Falz
10. Kull individwu għandu xi talent jew kapaċità. Veru/Falz

**(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

**(ii) Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA billi tagħmel sing taħt it-tweġiba tajba:**

**1. Fiex tikkonsisti ċ-ċittadinanza?**

a) f'regolamenti u taxxi

b) fi dritt ta' passaport minn pajjiż partikolari

ċ) f'pakkett ta' drittijiet biss.

**2. Liema minn dawn hija kooperattiva?**

a) numru ta' bdiewa u sajjieda

b) xirka fejn dawk li jaħdmu huma wkoll sidien

ċ) grupp ta' impjegati li jikkooperaw flimkien fix-xogħol.

**3. X'tissejjaħ għaqda li tirrappreżenta lill-ħaddiema?**

a) kumitat tax-xogħol

b) grupp tal-kwalità

ċ) trejd unjon.

**4. Liema minn dawn li ġejjin tissejjaħ problema soċjali?**

a) nuqqas ta' tolleranza għal opinjoni differenti

b) l-edukazzjoni obbligatorja

ċ) l-influwenza.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**5. Liema minn dawn hija festa tradizzjonali Maltija?**

a) l-Ewwel ta' Mejju

b) il-Milied

ċ) l-Imnarja.

**6. Xi tfisser dieta bilanċjata?**

a) tiekol li trid

b) tiekol ikel varjat u sustanzjuż

ċ) ma tiekol xejn.

**7. Liema minn dawn huwa delizzju jew passatemp tradizzjonali li għadu popolari fost il-Maltin?**

a) it-tħin tal-qamħ

b) il-logħob tal-boċċi

ċ) il-logħba tal-*cricket*.

**8. X'inhi l-identità nazzjonali?**

a) tagħrafna bħala ħaddiema

b) tagħrafna bħala familji

ċ) tagħrafna bħala Maltin.

**9. X'inhuma drittijiet?**

a) dawk il-jeddijiet li tagħtini s-soċjetà

b) dak kollu li nista' nixtri

ċ) dak kollu li nara.

**10. X'inhuma dmirijiet?**

a) dak li għandi nifhem

b) dak li nħoss li għandi nagħmel

ċ) dak li għandi naħseb. **(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

**Taqsima Ċ**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA:**

1. Fisser x'inhi ekonomija? Spjega b'eżempju **WIEĦED** x'inhuma **s-settur primarju** u **s-settur terzjarju** tal-ekonomija. (2,1,1)
2. X'inhu x-xogħol? Għaliex taħseb li x-xogħol huwa importanti għall-bniedem? (2,2)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Semmi **ERBA'** modi ta' kif il-Maltin iqattgħu l-ħin liberu tagħhom.
4. Is-saħħa hija importanti għall-bniedem. Agħti **ERBA'** eżempji ta' kif għandna nħarsu s... (1,...
5. Fisser x'inhuma valuri ċiviċi u agħti **ŻEWĠ** eżempji. (2,1,1...

**(20 marka)**

**Taqsima D**

**Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

*Fid-dinja tal-lum, kull persuna qed tkun influwenzata dejjem iżjed mill-mezzi ta' komunikazzjoni li jvarjaw minn posters, għat-televiżjoni, id-diski u mezzi oħra. Huwa, għalhekk, importanti li l-poplu jkun mgħallem kif għandu jgħix b'dawn il-mezzi, kif għandu jagħraf l-istrutturi tagħhom u kif fuq kollox għandu jifhem il-messaġġ li jwasslulu. Ma jistax ikun hemm ħajja soċjali mingħajr komunikazzjoni.*

1. Minn fejn nistgħu nieħdu informazzjoni fuq dak li qed jiġri madwarna? Spjega billi tagħti **TLIET** eżempji. (1,1,1)
2. B'liema mod jistgħu l-mezzi tal-komunikazzjoni jinfluwenzawk? (2)
3. Għaliex taħseb li dawn il-mezzi huma importanti fid-dinja tal-lum? Spjega billi tagħti **TLIET** raġunijiet. (1,1,1)
4. Agħżel **WIEĦED** mill-mezzi ta' komunikazzjoni li inti ma tgħaddix mingħajru u fi tliet (*3*) linji spjega għaliex. (3)
5. Għaliex il-*media* għandha tinforma b'mod ġust? (3)
6. Fisser: **pluraliżmu fil-mezzi ta' komunikazzjoni**. (2)
7. X'inhu reklam? (2)
8. Ir-reklami huma effettivi? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet biex issaħħaħ l-argument tiegħek. (2,1,1)
9. Fisser il-frażi: **ma jistax jkun hemm ħajja soċjali mingħajr komunikazzjoni**. (3)

**(25 marka)**

**Taqsima E**

**Agħżel WIEĦED minn dawn it-temi u ikteb madwar 200 kelma dwaru.**

1. Kull ċittadin għandu kemm obbligazzjonijiet kif ukoll drittijiet. X'tistenna s-soċjetà miċ-ċittadini tagħha? Iddiskuti.
2. Fisser x'inhi **soċjetà konsumerista**. Semmi **ŻEWĠ** aspetti pożittivi u **ŻEWĠ** aspetti negattivi ta' din it-tip ta' soċjetà u ddiskutihom**.**
3. Iddiskuti fit-tul l-importanza tas-servizzi tas-saħħa f'Malta.

**(25 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers